**Laqgha Numru 10/K6/2011**

**Introduzzjoni**

L-Ghaxar Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 6 ta' April 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fil-5.40pm)***, Evelyn Vella Brincat ***(li waslet fil-5.45pm)*** u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-29 ta' Marzu 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2011.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. It-tigdid tal-kuntratt ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo.**
- **10. Kwotazzjoni 21/2010, Tender 01/2011 u Kwotazzjoni 01 sa 11/2011.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 09/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 09/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 09/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2011 item 10.36 u ghall-korrispondenza riferenza **46/1209/11** fejn kienet saret diskussjoni rigward il-hlas ta' €300.00 mitlub mill-'accountant' Mrs. Perici biex gie rikonciljat il-plant register mis-snin 1994 sa sena 2010, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fil-laqgha li saret ma' l-Avukat (riferenza Internal Memo 25/2011) tqajjem dan il-punt ta' kif graw l-affarijiet u qal li mill-kummenti ta' l-Avukat jirrizulta li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien responsabbli bizzejjed biex dan ix-xoghol mitlub mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jsir f'waqt tajjeb meta kien ghaddej ix-xoghol ta' awditjar u l-Kunsill seta u kellu dritta li jaccetta l-hlas mitlub mill-accountant li kien ragjonevoli u jqiesu bhala 'direct order' fic-cirkustanzi kif kienu ghaddejja u kif graw l-affarijiet. Il-kelliem qal li wiehed ghandu jinnota li meta jkun ghaddej xoghol bhal dan, iqumu bzonnijiet essenzjali ghall-kontinwazzjoni tax-xoghol li wara kollox ikun rikjest mill-Kunsill jew mid-Dipartiment kif huwa dan il-kaz. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li m'ghandux jinghad li s-Segretarju ghamel hazin jew li naqas meta talab lill-accountant taghmel dan ix-xoghol u b'hekk kompla fil-qadi ta' dmirijietu lejn xi haga li l-Kunsill kien mitlub li jaghmel mid-Dipartiment.

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 09/K6/2011 item 16.19, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fejn fl-ahhar laqgha tal-Kunsill huwa kien informa lill-Kunsillieri biex fil-laqgha li jmiss jiddeciedu rigward ix-xiri ta' sejf 'Fire Proof' (Kwotazzjoni 21/2010 – Internal Memo 93/2010) u dan biex kull Kunsillier kellu cans jgharbel sew ir-rati li kien ircieva l-Kunsill wara sejha ghall-offerti li kienet saret, il-kelliem qal li jidher li biex il-Kunsill ikollu wiehed superjuri hafna titlob spiza sostanzjali u ghalhekk qal li jhoss li l-Kunsill ilu jinqeda ghal dawn l-ahhar snin b'dak li hemm installat fl-ufficini amministrattivi u ghalhekk ippropona li l-proposta biex jinxtara iehor gdid ghandha taqa'.**(Ara dok J)**

2.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 25/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Avukat **(Ara dok A); Internal Memo 26/2011** b'rapport tal-ftuh ta' Tender 01/2011 u kwotazzjonijiet minn 3 sa 11/2011 **(Ara dok B); Internal Memo 27/2011** b'rapport tal-kwotazzjonijiet 14/2011 **(Ara dok C); Internal Memo 28/2011** b'rapport tal-kwotazzjonijiet 15/2011 **(Ara dok D); Internal Memo 29/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 09/K6/2011 u 10/K6/2011 **(Ara dok E); Internal Memo 30//2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 09/K6/2011 u 10/K6/2011 **(Ara dok F);** Zewg flyers dwar l-attivitajiet tal-futbol **(Ara dok G u H) u** Flyer dwar il-Bejgh tal-ktieb – Pembroke from a Garrison to a Modern Civilian Town **(Ara dok I).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

5.02. Fil-5.35pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jissospendi l-laqgha sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur Philip Seguna.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***5.05. Il-laqgha giet sospiza fil-5.35pm.***

***5.06. Is-sur Philip Seguna lmenta li qed ikun hemm hafna materjal depozitat biswit l-iskips on wheels, skart li mhux gej mid-djar izda hadid u materjal iehor ta' bulky refuse. Il-kelliem qal li dan qed jikkawza hafna hsarat fl-iskips u l-makkinarju tat-trakk. Il-kelliem allega wkoll li wara li kien ilmenta fil-Kunsill dwar dan, ftit tal-hin wara xi hadd mhux maghruf kien ivvandalizza wahda mill-iskips on wheels u haraqha.***

***5.07. Il-laqgha tkompliet fil-5.55pm.***

***5.08. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.40pm filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fil-5.45pm.***

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Marzu u s-6 ta' April 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1613/11/I** 17/03/2011 — Ittra minghand Transport Malta fejn ma laqghux it-talba tal-Kunsill sabiex isir parkegg ghar-residenti fi Triq Gabriele Henin biswit il-bini ta' l-iskola primarja.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1613/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din it-talba originalment kienet saret lil TM b'kopja lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-FTS biex l-art mitluqa biswit l-iskola ssir parkegg ghall-karozzi li johonqu l-inhawi waqt id-dhul u hrug tat-tfal. Il-kelliem irrimarka li jiddispjacih li sa llum din il-laqgha li talab il-Kunsill ghada ma saritx u talab li l-Kunsill ghandu jerga' jitlob ghal din il-laqgha u li jekk ma jixtiequx jiltaqghu mal-Kunsill, jinfurmaw lill-Kunsill u mhux ihallu lill-Kunsill minghajr risposta,  qiesu l-Kunsill ma jezistix. Il-kelliem ippropona li f'kaz li l-Kunsill jibqa' injorat, il-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti permezz ta' laqgha on site ma' l-istampa. Fl-istess il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jinsisti ma' TM li mhux accettabbli l-LE taghhom ghax il-Kunsill huwa konxju minn din il-problema li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jaraw issehh kuljum. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu

jitlob lill-Kumitat Kongunt LES sabiex fil-hinijiet li t-triq suppost tkun maghluqa jkun hemm il-prezenza tal-Gwardjani Lokali sabiex jigu nfurzata r-regolamenti.

6.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li hemm bzonn ikun hemm infurzar tal-Pulizija ukoll.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit Susanna Bonello kienet ghamlet spezzjoni fuq il-post fil-prezenza tieghu, tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat.

**46/1720/11/I** 21/03/2011 Kwotazzjoni minghand Infinite Fusion Technologies sabiex jigi nstallat Universal Wireless Receiver ghall-prezz ta' €175.00 minhabba dak li kien hemm huwa bil-hsara u ma jistax jissewwa.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1720/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir wiehed gdid kif ikkwotat la darba dak originali thassar.

6.07. Hadd m'issekonda din il-proposta.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk huwiex possibbli li l-Kunsill jinstalla xi tip ta' stabiliser bhala safety ghal meta jkun hemm varjazzjoni fil-qawwa tad-dawl.

6.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'apparti l-kwotazzjoni ta' Infinite Fusion Technologies, il-Kunsill ghandu jigbor kwotazzjonijiet ohra.

6.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1741/11/I** 22/03/2011 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-iskema dwar progetti ta' energija alternattiva, fejn kien gie propost li jkun ippreparat is-SEAP taht il-Patt tas-Sindki, ma giex accettat.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1741/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-materja ghandha titqajjem fil-laqgha tas-Sindki u quddiem l-AKL. Il-kelliem qal li mhux sew li Kunsilli li ghamlu sagrificcju u nefqu vot mill-fondi taghhom biex flimkien mal-Gvern jidhlu ghal sfida biex tonqos l-emmissjoni sa sena 2020, ibghatu minn din l-inizjattiva u ma jinghatawx il-fondi l'uzaw biex sar ir-rapport tas-SEAP. Il-kelliem qal li jhoss li l-Gvern kellu jippremja lil dawk il-ftit Kunsilli li mill-ewwel hadu l-inizjattiva u dahlu spalla ma spalla mal-Gvern ghal din l-inizjattiva u minghajr ma kellhom flejjes zejda hadu voti ohra mill-allokazzjoni bhal ma sar fil-kaz ta' Pembroke, meta l-fondi ttiehdu mill-allokazzjoni tal-gemellagg. Il-kelliem ippropona wkoll li fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu dwar ikompliex bil-partecipazzjoni tieghu fil-Covenant of Mayors.

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1742/11/I** 22/03/2011 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-iskema dwar progetti ta' energija alternattiva, fejn kien gie propost dwal fil-gnien ta' San Patrizju, ma giex accettat.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1742/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1748/11/I** Email minghand l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante titlob lill-

22/03/2011 Kunsill jikkunsidra l-pozizzjoni li ha li ma japprovax it-talba taghha ghall-hlas ta' meta attendiet ghall-laqgha tal-Kunsill biex tispjega r-rapporti finanzjarji u dan minhabba li skond hija dan ix-xoghol mhux inkuz fix-xoghol li kien mitlub.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1748/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jsostni l-kummenti tieghu ghax ihoss li l-ispjegazzjoni tax-xoghol li sar huwa parti ntegrali mis-servizz mitlub.

6.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li meta terga' tinhareg l-offerta ghal servizz ta' Accountant, il-Kunsill ghandu jara li jkun hemm indkat li l-persuna/kumpanija, meta jkun hemm il-htiega, din trid tattendi ghall-laqghat tal-Kunsill sabiex tispjega l-finanzi.

**46/1785/11/I** 23/03/2011 Email minghand Overseas RUFC jinfurmaw lill-Kunsill li fost affarijiet ohra huma qed jissuggerixxu li l-isem jigi Overseas Pembroke Rugby Union Football Club (Malta) u mhux kif issuggerit mill-Kunsill.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1785/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din il-proposta.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1806/11/I** 24/03/2011 Kwotazzjoni minghand PKF ghal servizz ta' Udituri ghall-Ewwel claim konnessa mal-progetti MEDSTRATEGY u OSDDT u dan ghall-prezz ta' €650 eskluz il-Vat.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1806/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-istima.

6.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1849/11/I** 28/03/2011 Kwotazzjoni minghand Popeye Village ghal servizz ta' attivita' socjali ghar-residenti ghall-prezz ta' €3.00 ghal kull persuna.

**46/1851/11/I** 28/03/2011 Kwotazzjoni minghand Great Dane & Dynasty Restaurant ghal servizz ta' attivita' socjali ghar-residenti ghall-prezz ta' €3.50 ghal kull persuna.

**46/1932/11/I** 30/03/2011 Kwotazzjoni minghand Le Meridien ghal servizz ta' attivita' socjali ghar-residenti ghall-prezz ta' €10.00 ghal kull persuna.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1849/11/I, 46/1851/11/I u 46/1932/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tintghazel l-offerta ta' Great Dane & Dynasty Restaurant abbazi li l-atteggjament ta' l-impjegati ta l-irhas offerta, Popeye Village, ma kienx xieraq. Il-kelliem ippropona wkoll li l-prezz ta' l-attivita' ghandu jkun ta' €5.00 biex ikopri wkoll l-ispejjez ta' trasport.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1857/11/I** 28/03/2011 Ittra minghand il-Kap ta' l-Iskola St. Clare College Girls Secondary School fejn qed tistieden lill-Kunsill ghal Jum il-Premjazzjoni kif ukoll qed

jipproponu li studenta mill-lokal tinghata l-Local Council Prize, liema premju jinghata mill-Kunsill.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1857/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghti ktieb ippubblikat mill-Kunsill dwar l-istorja tal-lokal.

6.30. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li din ghandha tkun inizjattiva l'issir ma' kull skola li jistieden lill-Kunsill ghal Jum il-Premjazzjoni.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiehu inizjattiva u f'Jum Pembroke jibda jaghti rikonoxximent lil xi persuni mill-lokal li jkunu ghamlu xi opri ta' karita' fil-lokal stess.

6.33. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.35. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jaghmel linji ta' gwida cara ta' kif ser ikun regolat dan ir-rikonoxximent liema suggeriment il-Kunsill unanimament qabel mieghu u ghalhekk intalab biex jikseb aktar informazzjoni.

**46/1879/11/I**
29/03/2011
Email minghand l-Avukat tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li biex issir risposta ghall-Protest ta' Aurelia, lill-kumpanija Aurelia biss, l-ispejjez Legali huma ta' €155.00.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1879/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien ressaq din il-materja fil-laqgha ta' l-LES li saret gurnata qabel din il-laqgha tal-Kunsill biex din ir-risposta legali tithallas mill-fondi tal-Kumitat Kongunt. Il-kelliem qal li kien hemm qbil unanimu fil-Kumitat Kongunt l'issir din ir-risposta.

**46/1890/11/I**
29/03/2011
Stedina lill-Kunsill ghall-sports day li ser issir fis-6 ta' April u talbu sabiex ikun hemm 4 gwardjani lokali prezenti mit-8.00am sad-9.30am minhabba l-flow tat-traffiku.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1890/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tinkitbet ittra lill-AO ghal dan is-servizz ghax wara kollox 4 skejjel mill-lokalitajiet jiffurmaw dan il-Kullegg. Il-kelliem qal ukoll li din it-talba kienet giet accetatta mill-Kumitat Kongunt war ali kien ressaqa fl-ahhar laqgha.

**46/1901/11/I**
30/03/2011
Permess minghand Transport Malta sabiex quddiem il-Pembroke Hardware Store issir Timed & Communal Un/loading bay.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1901/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dan ix-xoghol isir.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1931/11/O**
30/03/2011
**46/2057/11/I**
06/04/2011
Korrispondenza li baghat u rcieva l-Kunsill minghand il-Project Leader ta' l-OSDDT jinfurmaw lill-Kunsill li mhux possibbli li l-laqgha li jmiss issir fid-dati mitluba mill-Kunsill u rrakkomandaw li din il-laqgha ssir jew bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Gunju jew bejn is-6 u t-8 ta' Gunju 2011.

**46/2060/11/I**
06/04/2011
Kwotazzjoni minghand STC ghall-prezz ta' €802.40 biex jospitaw il-Konferenza ta' l-OSDDT nkluz l-ikel u 3 coffee breaks ghal 20 persuna ghal

jumejn shah.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1931/11/O, 46/2057/11/I u 46/2060/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-laqgha ta' l-OSDDT, ladarba hemm problemi fid-dati, din ghandha ssir kif kien pjanat originalment jigifieri bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Gunju kif ukoll li din issir fl-STC skond il-kwotazzjoni sottomessa.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1968/11/I** 01/04/2011 Ittra minghand il-Kappillan tal-Parrocca jitlob il-permess tal-Kunsill biex jinghalqu xi toroq nhar il-Hadd 17 ta' April sabiex tkun tista' ssir l-Via Sagra bhal ma saret is-sena ta' qabel.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1968/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni. Il-kelliema ipproponiet li tintalab ukoll l-assistenza tal-Gwardjani Lokali u li jingieb avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li ser ikun hemm it-toroq maghluqa.

6.45. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2041/11/O** 05/04/2011 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-FTZ ifakkarhom li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna numru ta' kwotazzjonijiet minn ghandhom b'konnessjoni ma' l-ewwel Awditjar li ser isir ta' l-OSDDT u l-MEDSTRATEGY, apparti l-offerti li nhargu.

**46/2049/11/I** 05/04/2011 Email minghand l-FTZ jinfurmaw lill-Kunsill li huma kienu ssottomettew lill-Kunsill id-dokumenti ta' l-offerti, liema offerti jaghlqu nhar l-20 ta' April u ghalhekk ma jistghux jipprovdu d-dokumenti l-ohra mitluba mill-Kunsill.

**46/2054/11/O** 05/04/2011 Risposta li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-FTZ jinfurmhom bid-diskussjonijiet li kienu saru fil-Kunsill fejn, gimghat ilu huma kienu mitluba li jipprovdu lill-Kunsill numru ta' dokumenti, liema dokumenti huma separati mill-offerti li hareg il-Kunsill fil-Gazzetta tal-Gvern, dokumenti li s'issa ghad ma waslux ghand il-Kunsill.

**46/2055/11/I** 05/04/2011 Email minghand Lawrence Attard ta' l-FTZ jaqbel mal-kummenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2041/11/O, 46/2049/11/I, 46/2054/11/O u 46/2055/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jispera li x-xoghol li kellu jsir mill-FTZ, jilhaq isir fiz-zmien stipulat. **(Ara dok K)**

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill li minhabba mpenji ta' xoghol ma setax jattendi l-ahhar laqgha tar-Regjun ta' Tramuntana f'San Pawl il-Bahar.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ser terga' ssir il-wirja b'konnessjoni mal-Gimgha l-Kbira kif ukoll il-mawra kulturali b'konnessjoni mal-Gimgha l-Kbira.

8.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li tul il-wirja tal-Gimgha l-Kbira ghandhom isiru fjakkoli madwar il-Kunsill.

8.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-laqgha li saret nhar it-Tlieta 5 ta' April 2011 mas-sur Philip Galea ta' Mc Donalds fejn dan ta' l-ahhar qed joffru li jaghmlu zjara waqt l-open day, fejn dawn qed jiehdu grupp ta' hames persuni u jdumu 15 il-minuta kull grupp u wara jinghataw ikla b'xejn. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita', liema attivita' mhux ser tiswa flus la lill-Kunsill u lanqas lir-residenti. Il-kelliem qal li d-data tithabbar wara li l-Kunsill jircievi aktar informazzjoni minn ghandhom.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal ukoll li l-kumpanija tal-Mc Donalds lesti wkoll li jghinu lill-lokal bi sponsors f'inizjattivi li jista' jiehu l-Kunsill. Il-kelliem qal li l-kumpanija talbu li jinghataw rapport ta' dak li jixtieq u ghandu bzonn il-lokal.

8.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi organizzata Clean up the World ma' l-iskejjel u l-Ghaqdiet fil-lokal, meta ssir in-National Clean up The World Campaign.

8.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fid-9 ta' Mejju, Jum l-Ewropa, il-Kunsill jorganizza attivita' fil-lokal anke bl-involviment ta' l-iskejjel tal-lokal. Il-kelliema talbet l'issir laqgha ma' l-Ufficcju ta' l-Ewropa, f'Malta.

8.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. It-tigdid tal-kuntratt ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntratt ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo ghandu jigi mgedded ghall-perjodu ta' 3 snin ohra.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Kwotazzjoni 21/2010, Tender 01/2011 u Kwotazzjoni 01 sa 11/2011.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn l-offerti ghandhom ikunu diskussa fl-laqgha ohra. Il-kelliem ippropona wkoll li rigward it-Tender 01/2011 dwar Removal & Cart Away of Palm Trees, fil-jiem li gejja ser isir ezercizzju sabiex jigi identifikat il-valur tax-xoghol li hemm bzonn biex eventwalment jintalab il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jintuzaw il-fondi Ring Fenced ghal dan il-ghan. Il-kelliem ippropona li dan it-tender 01/2011 ghandu jigi diskuss wara li l-Kunsill ikun ircieva l-approvazzjoni tal-fondi minghand id-Dipartiment.

10.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta’ pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok L u M)**

11.02. B’riferenza ghall-kont ta’ Ell’s Urban Services is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-istima ghax-xoghol ta’ patching kienet tammonta ghal €9,348.06 (kwotazzjoni li kienet intalbet waqt il-laqgha tal-Kunsill 23/K6/2010 datata 6 ta’ Dicembru 2010 item 8.139 u sussegwentament approvat fil-laqgha tal-Kunsill 02/K6/2011 datata 19 ta’ Jannar 2011 item 7.02) filwaqt li l-kont gie jiswa €15,469.75 minhabba li sar patching f’toroq ohra wkoll (46/0175/11/I) (kif indikat fil-laqgha 02/K6/2011 datata 19 ta Jannar 2011 item 7.07). Il-kelliem irrefera lill-Kunsill ukoll ghal rokkamdazzjonijiet tal-Perit Kevin Fsadni fejn fic-certifikat tax-xoghol ta’ J&K Contractors Ltd., irrakkomanda lill-Kunsill li x-xoghol m’ghandux jibqa’ isir b’lump sums izda ghandhom dejjem jintuzaw ir-rati stabbiliti fit-tender (46/1974/11/I).

11.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr il-kont ta’ WasteServ Malta Ltd. fejn ghandu jithallas biss €1,025.92 skond l-istruzzjonijiet ta’ l-AKL u ta’ l-Ell’s Urban Services. Rigward il-kontijiet tax-xoghlijiet tal-kumpaniji kemm tal-J&K Contractors Ltd. kif ukoll ta’ l-Ell’s Urban Services, il-kelliem qal li b’effett immedjat se jkun hemm tibdil minn kif kien jimxi l-Kunsill, fejn issa l-kontijiet ser jibdew jitilghu quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni ghall-hlas mill-Kunsill, wara li jkunu gew iccertifikat mill-Perit tal-Kunsill u mhux qabel.

11.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-kontijiet kollha gew approvata unanimament ghajr ghall-kontijiet relatata mas-safar ta’ l-ECAD u l-MedStrategy (€253.72, €397.12, €150.46, €1,190.00, €31.65, €21.65 – hlasijiet ta’ rimborz lis-Sindku Joe Zammit, lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u Untours Ltd.) fejn s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur li jithallsu filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra li jsir il-hlas.

11.06. Il-mozzjoni ghaddiet.

11.07. Il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrifjutat li jiffirmaw l-iskeda ta’ pagamenti.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat insistiet li kemm jista’ jkun malajr ghandu jigi nstallat is-shade ta’ mal-lampa ta’ faccata tas-Alfio Ellul fi Triq Patri Indri Vella.

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel kuntatt dak il-hin mal-kuntrattur u wieghed li ser jipprovdi stima lill-Kunsill tal-lampa li hemm bzonn minhabba li ma jistax jehel shade kif mitlub izda hemm bzonn ta’ lampa moderna li titfa’ id-dawl l-isfel biss

12.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab il-permess tal-Kunsill biex isir il-‘Binding’ tal-Minuti. Il-kelliem qal li f’dawn l-ahhar snin ix-xoghol sar ghand is-sur Charles Catania fejn dan jitlob hlas ta’ €34.00 ghal 2 volumi.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

12.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir tabella fi Triq il-Kurunell Cocks sabiex il-karozzi jipparkjaw bis-silencer il-barra.

12.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex tigi rrangata l-bankina li qed tisfronda fi Triq Camillo Sciberras quddiem plot 7 u ta' ma' genbha.

12.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u qal li qabel isir ix-xoghol ghandha ssir stima mill-kuntrattur u tigi approvata mill-Kunsill.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir ittra lil Pembroke Athleta Sports Club dwar bar li gie armat mill-barman tal-klabb nhar il-Hadd 3 ta' April fil-picnic area waqt il-maratona tal-giri, liema bar sar minghajr permess kif ukoll li halla mizbla shiha warajh.

12.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

12.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li sema li l-Pembroke Racket Tennis Club aktarx li ser jergghu japplikaw ghall-bini ta' Tennis Court fil-picnic area. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill joggezzjona minn issa mal-MEPA.

12.18. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

12.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jinzabru sigar ta' l-akacja li hemm f'San Patrizju u xi sigar li hemm f'St. Andrews House.

12.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet, biex sid id-dar li hemm faccata tal-Pembroke Pharmacy li jigi fi Triq Giuseppe Malfeggiani kantuniera ma' Triq il-Mediterran, jigi mitlub jizbor is-sigra li ghandu tesporgi fiq il-bankina minhabba li hija perikoluza.

12.22. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li jinzabru s-sigar li hemm fi Triq Suffolk.

12.23. Qabel ghalqet il-laqgha l-Kunsillier Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat urew ix-xewqa li jinghataw kalendarju tal-laqgha tal-Kunsill sa l-ahhar tas-sena.

12.24. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.25pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 27 ta' April 2011 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |